# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu 2021

**Rikors Numru : 83/2019 JPG**

**Kawza Numru : 37**

**HA**

**Vs**

**RA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HA datat 14 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dan skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".*
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati sa mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" izda kienu ilhom sentejn qabel separati* de facto.
>
> *Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin separati.*
>
> *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewgin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhaa "Dokument C".*
>
> *Illi l-esponenti tippercepixxi manteniment ghall ulied il-partijiet u hemm arretrati ta' sebgha (7) snin, izda dan ma ghandux ikun impediment ghall hrug tad-*divorzju

*u hemm proceduri kriminali pendenti dwar dan li ma ghandhomx ikunu ta' xkiel ghall dan il-process. Illi dan l-insenjament huwa rifless fil-kawza deciza fis-seduta tat- 18 ta' Settembru, 2014, Rikors Numru. 339/2013 fl-ismijiet AB vs CD;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi il-kawza kienet giet differita sine die fil-5 ta' Frar 2020 (vide fol 22);

Rat id-digriet taghha datat 30 ta' Gunju 2020 ghal ri-appuntament tal-kawza (vide rikors u digriet fol 23 et seqq.);

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 28 ta' Ottubru 2020 (vide fol 30) li permezz taghha awtorizzaw l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**HA xehdet** (vide fol 35) illi hija zzewget lil RA fis-sena 2005 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, it-tnejn li huma ghadhom minorenni. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Gunju 2014. Sostniet illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum, il-kontendenti qatt ma rrikonciljaw u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Di piu xehdet illi manteniment ghall-ulied ghaddielha darbtejn li jammontaw ghas-somma ta' erbghat elef u mitejn ewro (€4,200) u li llum il-gurnata huwa marid u ma jahdimx u ma ghandux biex ihallas tali manteniment. Sostniet ripetutament illi t-tfal gieli jmorru ghandu u jekk ikollhom bzonn ta xi haga jixtrijilhom hu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba'***

***snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Ottubru 2005, liema zwieg jgib certifkat numru 1895/2005 ( vide Dok A, a fol 12) u minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa fl-24 ta' Gunju 2014 (vide kuntratt ta' separazzjoni a fol 5 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ghalkemm hemm pendenzi ta' manteniment, hija l-attrici li qieghda tintavola t-talba ghad-divorzju u ghalhekk non si tratta ta' eccezzjonijiet ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti tinnota li permezz tan-nota kongunta tal-partijiet tat-28 ta' Ottubru 2020, l-attrici hadet r-responsabbilta' tal-hlas tal-ispejjes ta' din il-procedura (vide fol 30);

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1895/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**